DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1316

tal-15 ta' Lulju 2019

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar l-Allokazzjoni lill-Istati Uniti ta' Sehem fil-Kwota Tariffarja għal-Laħam taċ-Ċanga ta' Kwalità Għolja msemmija fil-Memorandum ta' Qbil Rivedut rigward l-Importazzjoni tal-Laħam taċ-Ċanga minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni Tat-Tkabbir u Rigward id-Dazji Oġħla applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Unjoni Ewropea (2014)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Bis-saħħa tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2009 ([1]), l-Unjoni fetħet kwota tariffarja annwali għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja (it-"TRQ").

(2) Fid-19 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni mal-Istati Uniti tal-Amerka, rigward l-operazzjoni tat-TRQ, inkluż dwar l-allokazzjoni għal kull pajjiż tat-TRQ, bil-għan li tintlaħaq riżoluzzjoni definittiva għat-tilwima tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) fil-kawża DS26 (KE – Miżuri li jikkonċernaw il-laħam u prodotti tal-laħam (Ormoni)). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess mal-Istati Uniti fis-27 ta' Frar 2019.

(3) Fid-19 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tfittex qbil ma' pajjiżi fornituri sostanzjali oħra taħt it-TRQ fir-rigward tal-allokazzjoni għal kull pajjiż tat-TRQ, f'konformità mar-regoli applikabbli tad-WTO, sa fejn ikun meħtieġ u mingħajr ma tinħoloq ebda bażi għal xi forma ta' kumpens. Il-pajjiżi fornituri sostanzjali l-oħra kkonfermaw bil-miktub li huma jaqblu mal-allokazzjoni għal kull pajjiż tat-TRQ.

(4) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar l-Allokazzjoni lill-Istati Uniti ta' Sehem fil-Kwota Tariffarja għal-Laħam taċ-Ċanga ta' Kwalità Għolja msemmija fil-Memorandum ta' Qbil Rivedut Rigward l-Importazzjoni tal-Laħam taċ-Ċanga minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni tat-Tkabbir u Rigward id-Dazji Oġħla Applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Unjoni Ewropea (tal-2014) huwa b'dan, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim ([2]).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jiftaħ kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja (ĠU L 182, 15.7.2009, p. 1).

([2]) It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
J. LEPPÄ